IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.7.2026
COM(2026) 367 final

2026/0194 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll addizzjonali għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ħasil tal-Flus, it-Tiftix, il-Qabda u l-Konfiska ta' Profitti minn Attività Kriminali u l-Iffinanzjar tat-Terroriżmu

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Din il-proposta għandha l-għan li tikseb mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ("il-Kunsill") l-awtorizzazzjoni għall-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") biex tiffirma l-Protokoll addizzjonali ("il-Protokoll") għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ħasil tal-Flus, it-Tiftix, il-Qabda u l-Konfiska ta' Profitti minn Attività Kriminali u l-Iffinanzjar tat-Terroriżmu (CETS Nru 198) ("il-Konvenzjoni ta' Varsavja" jew "il-Konvenzjoni") f'isem l-Unjoni Ewropea.

Il-Kummissjoni biħsiebha wkoll tippreżenta proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tikkonkludi l-Protokoll f'isem l-Unjoni Ewropea kif ukoll proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tikkonkludi l-Konvenzjoni ta' Varsavja f'isem l-Unjoni Ewropea f'data aktar tard.

Il-Protokoll huwa ta' importanza partikolari minħabba t-theddida li l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu – u b'mod aktar ġenerali l-kriminalità finanzjarja – joħolqu għas-sigurtà ekonomika fl-Unjoni Ewropea u lil hinn minnha. Jista' jiġi nnotat li d-dħul miksub permezz ta' attivitajiet illeċiti spiss jintuża biex tiġi infiltrata l-ekonomija legali jew jintuża għal attivitajiet kriminali oħra. Dan għandu konsegwenzi estensivi u destabbilizzanti għas-sistemi finanzjarji, għas-soċjetà, għall-istat tad-dritt u għall-fiduċja fl-awtoritajiet pubbliċi. Karatteristika ewlenija tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu hija li dan jitwettaq fuq livell internazzjonali. Għalhekk, huwa essenzjali li jkun hemm kooperazzjoni internazzjonali effettiva fil-ġlieda kontra l-kriminalità finanzjarja.

Il-Protokoll huwa kompatibbli bis-sħiħ mad-dritt tal-UE b'mod ġenerali, u b'mod partikolari mal-acquis rilevanti tal-Unjoni. Dan jinkludi d-Direttiva (UE) 2024/1640[1] dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu (AMLD6). Madankollu, sad-dħul fis-seħħ tiegħu fl-10 ta' Lulju 2027, id-Direttiva (UE) 2015/849[2], kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/843[3], tibqa' applikabbli.

Il-Protokoll fih ukoll dispożizzjonijiet dwar l-irkupru tal-assi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam tal-irkupru tal-assi u, bħala tali, huwa wkoll kompatibbli bis-sħiħ mal-acquis rilevanti tal-Unjoni.

Il-Protokoll – u l-applikazzjoni tiegħu – se jsaħħaħ l-oqfsa tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus globalment (filwaqt li jindirizza kemm l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja kif ukoll l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi) fost membri oħra tal-Kunsill tal-Ewropa u sħab internazzjonali ewlenin li jistgħu jsiru Parti għall-Protokoll.

Sfond

Il-Konvenzjoni ta' Varsavja, adottata fis-16 ta' Mejju 2005, tkopri diversi aspetti tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. Hija tibni fuq il-Konvenzjoni dwar il-Ħasil, it-Tiftix, is-Sekwestru u l-Konfiska tar-Rikavat minn Attività Kriminali (CETS Nru 141) ("il-Konvenzjoni ta' Strażburgu"). L-UE ffirmat il-"Konvenzjoni ta' Varsavja" fit-2 ta' April 2009 iżda għadha ma rratifikathiex. Sat-18 ta' Diċembru 2023, 25 Stat Membru kienu ffirmaw il-Konvenzjoni u 23 minnhom kienu rratifikawha.

---

1 ĠU L, 2024/1640, 19.6.2024.
2 ĠU L 141, 5.5.2015, p. 73–117.
3 ĠU L 156, 19.6.2018, p. 43–74.

Mill-adozzjoni tal-Konvenzjoni ta’ Varsavja fl-2005, ix-xenarju tal-ħasil tal-flus, u b’mod aktar ġenerali x-xenarju tal-kriminalità finanzjarja qed jevolvi b’mod rapidu. Dan wassal biex l-oqfsa legali u l-istandards internazzjonali jiġu żviluppati aktar ukoll. Studji u konsultazzjonijiet, b’mod partikolari mill-Kumitat ta’ Esperti dwar l-Operazzjoni ta’ Konvenzjonijiet Ewropej dwar il-Kooperazzjoni f’Materji Kriminali (PC-OC) u l-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni, enfasizzaw il-ħtieġa għal strument vinkolanti ġdid.

B’mod parallel, l-iżviluppi fil-livell tal-UE, b’mod partikolari leġiżlazzjoni ġdida dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu, kif ukoll dwar l-irkupru tal-assi, saħħew il-ħtieġa li dawn is-suġġetti jiġu indirizzati f’kuntest pan-Ewropew usa’. B’riżultat ta’ dan, il-Kunsill tal-Ewropa stabbilixxa l-Kumitat ta’ Esperti dwar l-Irkupru tal-Assi Kriminali (PC-RAC) fl-2023 biex jinnegozja u jabbozza Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni.

Fit-13 ta’ Ġunju 2024, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tipparteċipa, f’isem l-Unjoni Ewropea, fin-negozjati dwar il-Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni ta’ Varsavja. Il-Kummissjoni pparteċipat f’konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill u kienet iggwidata mid-direttivi ta’ negozjati stabbiliti fiha. Il-Kummissjoni kkonsultat lill-kumitat speċjali tal-Kunsill għan-negozjati rigward il-pożizzjoni li għandha tittieħed u żgurat il-kompatibbiltà tal-Protokoll mal-acquis tal-UE.

Is-sessjonijiet ta’ negozjati saru f’laqgħat dedikati tal-PC-RAC. Bejn Mejju 2024 u Diċembru 2025 saru seba’ sessjonijiet ta’ negozjati. Fil-25 ta’ Novembru 2025, il-Kumitat dwar il-Problemi tal-Kriminalità (CDPC) approva l-abbozz ta’ Protokoll u l-abbozz ta’ rapport ta’ spjegazzjoni li jakkumpanjah, li għalih kienu meħtieġa l-aħħar bidliet. Fit-23 ta’ April 2026, l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa adottat l-opinjoni tagħha dwar l-abbozz ta’ Protokoll. Fil-15 ta’ Mejju 2026, fil-135 laqgħa tiegħu, il-Kumitat tal-Ministri adotta l-Protokoll, ħa nota tar-rapport ta’ spjegazzjoni tiegħu u qabel li jiftaħ il-Protokoll għall-iffirmar fl-14 ta’ Ottubru 2026.

Dan il-Protokoll se jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar ta’ wara l-iskadenza ta’ perjodu ta’ 3 xhur wara d-data li fiha ħames firmatarji, fosthom mill-inqas tliet Stati membri tal-Kunsill tal-Ewropa, ikunu ddikjaraw il-kunsens tagħhom li jintrabtu bil-Protokoll, skont l-Artikolu 38(1) tiegħu.

L-UE tista’ tiffirma l-Protokoll bħala firmatarja tal-Konvenzjoni ta’ Varsavja, skont l-Artikolu 37 tal-Protokoll.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta’ politika kkonċernat**

Il-Protokoll huwa relatat direttament mar-regoli komuni tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu, kif ukoll dwar l-irkupru tal-assi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji kriminali. Il-Protokoll fih dispożizzjonijiet dwar l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja, dwar il-kompetenzi tagħhom rigward is-sospensjoni u r-rifjut tal-kunsens għat-tranżazzjonijiet, il-kontijiet u r-relazzjonijiet kummerċjali, dwar il-kooperazzjoni tagħhom ma’ xulxin, kif ukoll dwar l-istabbiliment ta’ Mekkaniżmu Awtomatizzat Ċentralizzat fil-livell nazzjonali (jew mekkaniżmu simili li jkun fih informazzjoni dwar kontijiet bankarji, kontijiet ta’ pagament, kontijiet ta’ titoli, kaxxi ta’ sikurezza għad-depożiti u kontijiet tal-assi virtwali). Ir-regoli dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu huma konformi u kompatibbli mal-pakkett tal-UE dwar l-AML, u b’mod aktar preċiż mad-Direttiva (UE) 2024/1640, dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu.

Min-naħa l-oħra, ir-regoli dwar il-konfiska, inkluż dwar il-konfiska estiża u l-konfiska mhux ibbażata fuq kundanna huma kompatibbli wkoll mal-acquis tal-UE, jiġifieri d-Direttiva 2014/42/UE[4] u d-Direttiva (UE) 2024/1260[5]. Barra minn hekk, ir-regoli dwar l-istabbiliment ta' uffiċċji għall-irkupru tal-assi, l-aċċess tagħhom għall-informazzjoni kif ukoll id-dežinjazzjoni ta' uffiċċji għall-immaniġġjar tal-assi u l-immaniġġjar tal-assi, inkluż l-ippjanar tal-immaniġġjar tal-assi u l-bejgħ ta' qabel il-konfiska huma konformi mad-Direttiva (UE) 2024/1260. Il-Protokoll fih ukoll regoli dwar l-użu mill-ġdid soċjali tal-assi, għodda biex tiġi pprovduta informazzjoni dwar l-assi lill-uffiċċji għall-irkupru tal-assi, lill-uffiċċji għall-immaniġġjar tal-assi u lil awtoritajiet oħra kif ukoll dwar ir-riżorsi għat-taħriġ għall-awtoritajiet kompetenti rigward l-irkupru tal-assi f'kompatibbiltà mad-Direttiva (UE) 2024/1260.

Id-Direttiva (UE) 2024/1260 ssostitwiet id-Direttiva 2014/42/UE, li tibqa' fis-seħħ fir-rigward tal-kooperazzjoni mal-Irlanda, li ma tipparteċipax fid-Direttiva (UE) 2024/1260. Id-Direttiva 2014/42/UE ssostitwiet parzjalment id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/212/ĠAI[6], li tibqa' fis-seħħ fir-rigward tal-kooperazzjoni mad-Danimarka, li la tipparteċipa fid-Direttiva (UE) 2024/1260 u lanqas fid-Direttiva 2014/42/UE.

Ir-Regolament (UE) 2018/1805[7] jistabbilixxi regoli dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri għall-fini tar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska. Dan jinkludi, fost l-oħrajn, regoli dwar it-trażmissjoni, ir-rikonoxximent u l-proċedura għall-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska, l-immaniġġjar u d-disponiment ta' proprjetà ffriżata u kkonfiskata f'każijiet transfruntiera (inkluż il-bejgħ interlokutorju), ir-restituzzjoni ta' proprjetà lill-vittmi kif ukoll id-disponiment ta' proprjetà kkonfiskata jew flus miksuba wara l-bejgħ ta' proprjetà (inkluż bil-ħsieb ta' kumpens għall-vittmi u r-regolamentazzjoni tal-kondiviżjoni tal-assi bejn l-Istati Membri). Barra minn hekk, ir-Regolament fih regoli dwar il-ħlas u l-qsim tal-ispejjeż relatati mal-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' ffriżar transfruntiera u dwar id-drittijiet proċedurali tal-persuni affettwati, inkluż fir-rigward tal-obbligi ta' notifika u r-rimedji legali. Dawn il-kwistjonijiet huma wkoll regolati b'mod wiesa' fid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/783/ĠAI tas-6 ta' Ottubru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal ordnijiet ta' konfiska[8] u d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/577/JHA tat-22 ta' Lulju 2003 dwar it-twettiq fl-Unjoni Ewropea tal-mandati li jiffriżaw xi proprjetà jew xi evidenza[9], li jibqgħu fis-seħħ fir-rigward tal-kooperazzjoni mal-Irlanda u d-Danimarka, li ma jipparteċipawx fir-Regolament (UE) 2018/1805.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-Protokoll huwa konsistenti mar-regoli u l-politiki rilevanti tal-UE fl-oqsma li se jkunu koperti minnu (kif deskritt fit-Taqsima "Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat"). Fil-kuntest usa', il-Protokoll huwa konsistenti mal-istrumenti u l-politiki legali tal-UE adottati fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, taħt it-Titolu V tat-Tielet Parti tat-TFUE, li jikkontribwixxu għall-ġlieda tal-UE kontra l-kriminalità finanzjarja, inkluż delitti li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, u l-flussi finanzjarji illeċiti, kif ukoll l-impenji tal-Unjoni skont ftehimiet multilaterali rilevanti oħra.

4 ĠU L 127, 29.4.2014, p. 39–50.
5 ĠU L, 2024/1260, 2.5.2024.
6 ĠU L 68, 15.3.2005, p. 49–51.
7 ĠU L 303, 28.11.2018, p. 1–38.
8 ĠU L 328, 24.11.2006, p. 59–78.
9 ĠU L 196, 2.8.2003, p. 45–55.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

Bażi legali sostantiva

Il-partijiet tal-Protokoll li jikkonċernaw il-miżuri kontra l-ħasil tal-flus, inkluż is-setgħat ta' sospensjoni tal-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja u l-istabbiliment ta' mekkaniżmu biex tinkiseb informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji jaqgħu taħt l-Artikolu 114 tat-TFUE. Dawn il-komponenti jiffurmaw il-bażi ta' din il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill, li tvarja mill-komponenti tal-Protokoll li jiffukaw fuq l-isforzi għall-irkupru tal-assi (inkluż it-tisħiħ tar-regoli nazzjonali dwar l-iffriżar u l-konfiska, it-traċċar tal-assi u l-immaniġġjar tal-assi, is-salvagwardji kif ukoll il-kooperazzjoni internazzjonali bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji), li se jinġabru taħt proposta separata għal Deċiżjoni tal-Kunsill. Il-bażijiet legali sostantivi ta' dan tal-aħħar huma l-Artikolu 82(2), l-Artikoli 83(1) u (2) u l-Artikolu 87(2) TFUE.

Minħabba s-suġġett tal-ftehim previst, jixraq li l-Kummissjoni tippreżenta żewġ proposti lill-Kunsill.

Bażi legali proċedurali

L-Artikolu 218(5) TFUE jipprevedi li, meta l-ftehim previst ma jkunx jikkonċerna esklużivament jew prinċipalment il-politika estera u ta' sigurtà komuni, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta lill-Kunsill. Il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni li tawtorizza l-iffirmar tal-ftehim.

Il-Kummissjoni tipproponi l-awtorizzazzjoni tal-iffirmar tal-Protokoll, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

Għaldaqstant, **il-bażi legali proċedurali** għad-deċiżjoni proposta li tawtorizza l-iffirmar tal-ftehim previst hija l-Artikolu 218(5) TFUE.

Kompetenza tal-Unjoni

In-natura tal-ftehimiet internazzjonali ("UE biss" jew "imħallta") hi kontinġenti fuq il-kompatibbiltà tas-suġġett speċifiku mal-kompetenzi tal-Unjoni.

L-Artikolu 3(2) TFUE jipprevedi li l-Unjoni għandha kompetenza esklużiva "li tikkonkludi ftehim internazzjonali (...) sal-punt fejn il-konklużjoni tiegħu tista' tolqot xi regoli komuni jew tbiddel il-kamp tal-applikazzjoni tagħhom". B'mod partikolari, il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ċċarat li "l-konstatazzjoni ta' tali riskju [li r-regoli tal-UE jistgħu jiġu affettwati jew mibdula mill-impenji internazzjonali] ma tippresupponix li l-qasam kopert bl-impenji internazzjonali u dak kopert mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jkunu jaqblu kompletament" iżda li "l-portata tar-regoli komuni tal-Unjoni tista' tiġi affettwata jew mibdula minn tali impenji anki meta dawn tal-aħħar ikunu jaqgħu f'qasam li fil-parti l-kbira tiegħu jkun diġà kopert minn tali regoli".([1]) Dan ir-raġunament huwa bbażat fuq opinjoni tal-Qorti li tiddikjara li "(...) meta għandu jiġi ddeterminat jekk huwiex sodisfatt il-kriterju msemmi fl-espressjoni f'qasam li fil-parti l-kbira tiegħu ġa jkun kopert b'regoli Komunitarji l-analiżi għandha tkun ibbażata mhux biss fuq il-portata tar-regoli in kwistjoni, iżda wkoll fuq in-natura u l-kontenut tagħhom. Għandu wkoll jittieħed in kunsiderazzjoni mhux biss l-istat attwali tad-dritt Komunitarju fil-qasam ikkonċernat, iżda wkoll il-prospetti ta' evoluzzjoni tiegħu, meta dawn ikunu prevedibbli fil-mument li ssir din l-analiżi" (ara, f'dan is-sens, l-opinjoni 2/91, il-paragrafi 25 u 26).[2]

Filwaqt li l-Istati Membri jibqgħu kompetenti għal xi partijiet tal-Protokoll Addizzjonali, u b'mod partikolari għad-dispożizzjonijiet dwar miżuri nazzjonali għall-istabbiliment ta'

mekkaniżmi awtomatizzati ċentralizzati u għas-setgħat ta' sospensjoni tal-FIUs tagħhom, l-UE għandha kompetenza għal parti konsiderevoli tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni u għalhekk għandha tiffirma l-Konvenzjoni flimkien mal-Istati Membri.

It-Trattati, u, b'mod partikolari, l-Artikoli 26 u 114 tat-TFUE, jagħtu lill-UE kompetenza fil-qasam tas-Suq Intern, li parzjalment tkopri l-kwistjonijiet regolati mill-Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni Nru 198.

L-UE **diġà adottat miżuri leġiżlattivi** fl-oqsma differenti koperti mill-Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni Nru 198:

Dispożizzjonijiet li jaqgħu taħt il-bażi legali tal-Artikolu 114 TFUE:

- l-Artikolu 2 (rigward id-definizzjonijiet ta' assi virtwali u fornituri ta' servizzi tal-assi virtwali), l-Artikolu 9 (rekwiżit għall-istabbiliment ta' mekkaniżmi għall-irkupru ta' informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji) u l-Artikoli 10 u 28 (sospensjoni jew rifjut tal-kunsens għal tranżazzjonijiet, kontijiet u relazzjonijiet kummerċjali suspettużi u FIU konnessa mal-kooperazzjoni tal-FIU) jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2024/1640 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mekkaniżmi li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri għall-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu (AMLD6), ir-Regolament (UE) 2023/1114 dwar is-swieq fil-kriptoassi.

Dispożizzjonijiet li jaqgħu taħt il-bażijiet legali tal-Artikoli 82 (1) u (2), 83 (1) u (2) u 87 (2) TFUE:

- l-Artikolu 2(2) (definizzjoni ta' finanzjament tat-terroriżmu) huwa kopert mid-Direttiva (UE) 2017/541 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu[10];
- l-Artikoli 3 sa 5 (konfiska estiża, mhux ibbażata fuq kundanna u ta' parti terza, l-Artikolu 6 (miżuri proviżorji), l-Artikolu 8 (investigazzjonijiet finanzjarji), l-Artikolu 11 12 (l-istabbiliment ta' uffiċċji għall-irkupru tal-assi u l-aċċess tagħhom għall-informazzjoni), l-Artikoli 13 sa 15 (l-immaniġġjar tal-assi, l-istabbiliment ta' uffiċċji għall-immaniġġjar tal-assi, il-bejgħ ta' qabel il-konfiska), l-Artikolu 16 (l-użu ta' proprjetà ffriżata u kkonfiskata), l-Artikolu 17 (aċċess għall-informazzjoni dwar proprjetà ffriżata u kkonfiskata) kif ukoll l-Artikolu 29 (kooperazzjoni internazzjonali bejn l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi), l-Artikolu 33 34 (miżuri ta' sigurtà, riżorsi u taħriġ) huma koperti mid-Direttiva (UE) 2024/1260 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi jew interkonnessi magħha[11] .
- l-Artikolu 9(2) (l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, inklużi l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi) huwa kopert mid-Direttiva (UE) 2019/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi regoli li jiffaċilitaw l-użu ta' informazzjoni finanzjarja u informazzjoni oħra għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' ċerti reati kriminali[12];

[10] ĠU L 88, 31.3.2017, p. 6–21.
[11] ĠU L, 2024/1260, 2.5.2024.
[12] ĠU L 186, 11.7.2019, p. 122–137.

- l-Artikoli 18 (prinċipji ġenerali ta' kooperazzjoni), 24 u 25 (formoli standard), 26 (ritorn ta' proprjetà) u 27 (kondiviżjoni ta' proprjetà) jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/1805 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ordnijiet ta' konfiska[13];
- l-Artikolu 19 dwar it-trasferiment ta' interkonnessjonijiet ta' data personali mal-acquis tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data, b'mod partikolari d-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data[14];
- l-Artikoli 20, 21 u 22 dwar talbiet għal informazzjoni rigward kontijiet ma' istituzzjonijiet finanzjarji u fornituri ta' servizzi tal-assi virtwali u tranżazzjonijiet imwettqa minnhom kif ukoll il-monitoraġġ tagħhom jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali[15];
- L-Artikolu 23 jipprovdi bażi legali għall-istabbiliment ta' Skwadri ta' Investigazzjoni Konġunti (SIK) għall-irkupru ta' proprjetà li tista' tiġi kkonfiskata. Skont id-dritt tal-UE, il-bażijiet legali għall-istabbiliment ta' SIK huma stabbiliti fil-Konvenzjoni dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali adottata f'Mejju 2000 u d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/465/JHA dwar l-iskwadri ta' investigazzjoni konġunti;
- fir-rigward tal-Artikoli 31 u 32 (salvagwardja, rimedji u obbligi ta' notifika), sa fejn huma kkonċernati l-miżuri ta' kooperazzjoni ġudizzjarja għall-fini tal-iffriżar u l-konfiska tal-assi previsti fil-Konvenzjoni u l-Protokoll tagħha, dawn jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/1805 imsemmi hawn fuq. Sa fejn huma kkonċernati l-miżuri ta' kooperazzjoni ġudizzjarja għall-fini tal-ġbir tal-evidenza, l-Artikoli 31 u 32 jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/41/UE. Sa fejn huma kkonċernati l-miżuri ta' kooperazzjoni bejn l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi, l-Artikoli 31 u 32 jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2024/1260. Sa fejn huma kkonċernati l-miżuri nazzjonali, l-Artikoli 31 u 32 jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2024/1260 msemmija hawn fuq. Fil-biċċa l-kbira, id-drittijiet u s-salvagwardji minquxa fl-Artikoli 31 u 32 huma koperti wkoll b'mod aktar ġenerali mid-direttivi tal-UE dwar id-drittijiet proċedurali għall-persuni suspettati u akkużati fi proċedimenti kriminali, b'mod partikolari d-Direttiva 2010/64/UE dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni, id-Direttiva 2012/13/UE dwar id-dritt għall-informazzjoni, id-Direttiva 2013/48 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat, id-Direttiva (UE) 2016/343 dwar il-preżunzjoni tal-innoċenza u d-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess u d-Direttiva (UE) 2016/1919 dwar l-għajnuna legali.

Il-maġġoranza tal-obbligi li jirriżultaw mill-Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni 198 tal-Kunsill tal-Ewropa huma għalhekk koperti mid-dritt tal-UE.

13 ĠU L 303, 28.11.2018, p. 1–38.
14 ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89–131.
15 ĠU L 130, 1.5.2014, p. 1–36.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Mhux applikabbli.

- **Proporzjonalità**

Din l-inizjattiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi ta' politika inkwistjoni u għalhekk, hija f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-Artikolu 5(4) TUE. L-Unjoni tinsab fl-aħjar pożizzjoni biex taġixxi peress li l-Unjoni diġà eżerċitat kompetenza interna f'dan il-qasam permezz tal-adozzjoni ta' diversi strumenti legali fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-infurzar tal-liġi f'materji kriminali, b'mod partikolari għall-fini li jiġi ffaċilitat l-irkupru tal-assi kriminali, inkluż f'każijiet transfruntiera.

- **Għażla tal-istrument**

Din il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill qed titressaq f'konformità mal-Artikolu 218(5) TFUE, li jipprevedi l-adozzjoni mill-Kunsill ta' deċiżjoni li tawtorizza l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-ftehim. Ma jeżisti ebda strument legali ieħor li jista' jintuża sabiex jintlaħaq l-objettiv espress f'din il-proposta.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Kummissjoni Ewropea ma għamlitx konsultazzjoni speċifika mal-partijiet ikkonċernati dwar din il-proposta.

L-elaborazzjoni tal-Konvenzjoni kienet sforz kollaborattiv tal-Kumitat ta' Esperti tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Irkupru tal-Assi Kriminali, bl-involviment tal-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa, kif ukoll l-Istati osservaturi, it-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja, l-UNODC u l-esperti legali.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-pożizzjonijiet ta' negozjar tal-Unjoni għall-Konvenzjoni ħejjew f'konsultazzjonijiet mal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar il-Kooperazzjoni Ġudizzjarja f'Materji Kriminali (COPEN).

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

L-iffirmar tal-Protokoll mill-Unjoni Ewropea jistabbilixxi standards minimi komuni għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fir-rigward tal-miżuri previsti fil-Protokoll.

Ċerti drittijiet u libertajiet fundamentali stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") huma ta' rilevanza partikolari. Dan jinkludi d-

dritt għall-proprjetà (l-Artikolu 17), id-dritt għal proċess ġust u rimedju effettiv (l-Artikolu 47), il-preżunzjoni tal-innoċenza u d-dritt għad-difiża (l-Artikolu 48) kif ukoll id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali (l-Artikolu 8).

Fir-rigward tal-interferenzi mad-dritt għall-proprjetà, l-Artikolu 31, il-paragrafu 1, jankra l-Protokoll fil-prinċipji tan-neċessità u tal-proporzjonalità, li huma fundamentali biex tiġi żgurata l-legalità tal-interferenzi mad-drittijiet fundamentali. Il-paragrafi 3 u 4 jistabbilixxu wkoll salvagwardji importanti biex jiġi żgurat li ma sseħħ l-ebda interferenza irreparabbli mad-dritt għall-proprjetà mingħajr il-persuna affettwata ma tkun ingħatat l-opportunità li tinstema'. Barra minn hekk, ġew introdotti direttament limitazzjonijiet għall-użu ta' miżuri ta' konfiska, b'mod partikolari konfiska estiża u mhux ibbażata fuq kundanna, kif ukoll għall-użu ta' miżuri proviżorji ġodda introdotti minn dan il-Protokoll (ara fost l-oħrajn l-għażliet ta' riżerva previsti fl-Artikoli 3, 4 u 5) fid-dispożizzjonijiet rilevanti li jipprevedu tali miżuri biex tiġi żgurata l-konformità mal-prinċipji tan-neċessità u tal-proporzjonalità. Kif elaborat fir-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni[16], ir-rikonoxximent ta' talba jista' jiġi rrifjutat meta l-miżura jew il-miżuri li ma setgħux jiġu ordnati jew meħuda mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fil-Parti rikjesta, b'mod ġenerali jew f'każ simili, minħabba li tmur/jmorru kontra l-prinċipji fundamentali tal-liġi domestika ta' dik il-Parti. Il-prinċipji fundamentali tal-liġi domestika jistgħu jinkludu, pereżempju, standards ta' proċess ġust, il-preżunzjoni tal-innoċenza, kif ukoll il-prinċipji tan-neċessità u tal-proporzjonalità. Il-limitazzjoni li jistabbilixxu dawn il-prinċipji tista' tiġi espressa mill-Partijiet, fost l-oħrajn, permezz tal-użu tal-għażliet ta' riżerva previsti fl-Artikoli 3, 4 u 5 tal-Protokoll.

L-Artikolu 31, il-paragrafu 2, ġeneralment jirrikjedi li l-Partijiet jiżguraw li l-persuni kollha affettwati minn miżuri li jikkonċernaw it-traċċar tal-assi, il-miżuri proviżorji għall-qbid jew l-iffriżar tal-proprjetà, il-miżuri ta' konfiska kif ukoll bejgħ ta' qabel il-konfiska jkunu jistgħu jitolbu d-dritt għal proċess ġust u għal rimedju legali effettiv kif meħtieġ ukoll mid-dritt tal-UE. Barra minn hekk, il-Partijiet huma meħtieġa jiggarantixxu d-drittijiet tad-difiża. Din id-dispożizzjoni tibni fuq l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni dwar ir-rimedji legali, kemm għall-persuni affettwati minn miżuri skont il-Konvenzjoni kif ukoll il-Protokoll, u tespandihom. Il-formulazzjoni aktar dettaljata u estensiva tal-Artikolu 31 ta' dan il-Protokoll għandha l-għan li tirrifletti l-iżvilupp ta' standards Ewropej dwar id-drittijiet u s-salvagwardji proċedurali, inkluż bil-ħsieb tad-dritt għal rimedju effettiv, fil-kuntest tal-irkupru tal-assi kriminali mill-adozzjoni tal-Konvenzjoni, b'mod partikolari l-użu dejjem akbar ta' miżuri ta' konfiska mhux ibbażati fuq kundanna. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 31 huwa estiż għall-persuni affettwati minn miżuri skont il-Konvenzjoni biex jiġi żgurat li l-persuni affettwati minn tali miżuri jgawdu wkoll l-istess drittijiet u livell ta' protezzjoni bħall-persuni affettwati minn miżuri skont il-Protokoll. Barra minn hekk, kif elaborat fir-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Protokoll, il-kooperazzjoni tista' tiġi rrifjutata f'konformità mal-Artikolu 28 tal-Konvenzjoni meta talba barranija ma tissodisfax l-istandards stabbiliti mill-prinċipji fundamentali tal-liġi domestika tal-Istat rikjest.

Il-Protokoll jiżgura l-konformità mal-istandards tal-UE għall-protezzjoni tad-data personali billi jiggarantixxi l-applikazzjoni ta' salvagwardji adegwati għall-protezzjoni tad-data għall-ipproċessar ta' data personali (l-Artikoli 9, 12 u 17) kif ukoll jipprevedi kundizzjonijiet xierqa għall-iskambju ta' tali data ma' Partijiet oħra (l-Artikolu 29).

Għandu jiġi nnotat ukoll li fil-Konvenzjoni ("Omm"), l-Artikolu 46(6) jistabbilixxi li "FIU tista' tirrifjuta li tiddivulga informazzjoni li tista' twassal għal tfixkil ta' investigazzjoni kriminali li tkun qed issir fil-Parti rikjesta jew, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, fejn id-divulgazzjoni tal-informazzjoni tkun sproporzjonata b'mod ċar għall-interessi leġittimi ta'

[16] Ara, b'mod partikolari, il-paragrafi 140 u 141.

persuna fiżika jew ġuridika jew tal-Parti kkonċernata jew inkella ma tkunx f'konformità mal-prinċipji fundamentali tal-liġi nazzjonali tal-Parti rikjesta. Kull rifjut bħal dan għandu jkun spjegat b'mod xieraq lill-FIU li tkun qed titlob l-informazzjoni".

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Hija l-fehma tal-Kummissjoni li, minn perspettiva legali, fil-prinċipju, l-ebda implikazzjoni baġitarja ma tirriżulta neċessarjament mill-iffirmar u l-konklużjoni ta' dan il-Protokoll.

Għandu jiġi nnotat li la dan il-Protokoll u lanqas il-Konvenzjoni Omm tiegħu (CETS 198) ma fihom klawżola li tistabbilixxi rekwiżit għall-Unjoni biex tagħmel kontribuzzjoni finanzjarja għall-finanzjament tagħhom jekk issir Parti.

Madankollu, il-Kumitat tal-Ministri adotta Riżoluzzjoni CM/Res (2022)6 dwar arranġamenti finanzjarji għall-parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea u ta' Stati mhux membri fil-mekkaniżmi ta' segwitu tal-konvenzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa, li tipprevedi li meta l-Unjoni tiġi mistiedna u ssir Parti għal konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa li ma jkunx fiha klawżola dwar il-parteċipazzjoni finanzjarja fil-mekkaniżmu ta' segwitu tagħha wara d-data tal-adozzjoni tar-Riżoluzzjoni, hija għandha tikkontribwixxi għall-finanzjament tal-funzjonament tal-konvenzjoni msemmija f'konformità mal-modalitajiet stabbiliti fir-riżoluzzjoni. Filwaqt li l-Kummissjoni tqis li tali Riżoluzzjoni unilaterali ma tistax torbot lill-Unjoni, dan wassal għal diskussjonijiet li rriżultaw f'kompromess li bih l-Unjoni ddikjarat l-intenzjoni tagħha li volontarjament tagħmel kontribuzzjoni finanzjarja. Għad irid jitqies jekk jinstabx (jew għandux jinstab) arranġament simili fil-każ ta' din il-Konvenzjoni u l-Protokoll.

Jekk dan ikun il-każ, se tiġi pprovduta dikjarazzjoni finanzjarja li tiddeskrivi d-dettalji tal-implikazzjonijiet baġitarji flimkien mal-proposta għal deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni nnifisha, ladarba l-ambigwitajiet legali rigward kontribuzzjoni possibbli jkunu ġew riżolti.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-Protokoll jistabbilixxi li d-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Varsavja (l-Artikolu 48 tal-Konvenzjoni) japplikaw *mutatis mutandis* għall-Protokoll. Il-Konferenza tal-Partijiet stabbilita skont il-Konvenzjoni (COP) se twettaq il-funzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 48 tal-Konvenzjoni għall-finijiet ta' dan il-Protokoll, filwaqt li tiltaqa' f'kompożizzjoni ristretta għall-Partijiet għal dan il-Protokoll, fejn xieraq.

Ir-Regola 19 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Konvenzjoni tistabbilixxi r-regoli għat-twettiq tal-attivitajiet ta' monitoraġġ. Madankollu, fid-9 Plenarja l-COP iddeċidiet li tissospendi l-proċedura skont ir-Regola 19 u li tapplika approċċ ta' monitoraġġ tematiku trasversali f'konformità mar-Regola 19bis li għadha kif ġiet adottata għal perjodu inizjali ta' sentejn b'diskussjoni ta' rendikont ulterjuri dwar il-kwistjoni fil-11-il Plenarja tagħha fl-2019. Fis-16-il Plenarja tagħha (2024), il-COP iddeċidiet li ġġedded is-sospensjoni tar-Regola 19 għal 5 snin oħra (jiġifieri sal-2029) u li tkompli bil-monitoraġġ tematiku trasversali skont ir-Regola 19bis matul dak il-perjodu.

Ir-Regola 19bis tistabbilixxi regoli għall-monitoraġġ orizzontali rigward artikoli magħżula tal-Konvenzjoni. Kull Stat parti se jkun soġġett għal monitoraġġ f'konformità mar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 19bis.

Ġiet inkluża klawżola speċjali fir-Regoli ta' Proċedura rigward l-involviment tal-Unjoni Ewropea fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni. Ir-Regola 19, il-paragrafu 33 jipprevedi li regoli ġodda għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni se jiġu stabbiliti wara r-ratifika tal-Konvenzjoni mill-Komunità Ewropea. L-ebda klawżola speċifika mhi prevista fir-Regola 19bis.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 jispjega l-għan tal-Konvenzjoni.

L-Artikolu 2 jinkludi d-definizzjonijiet ta' investigazzjonijiet finanzjarji, assi virtwali, fornituri ta' servizzi tal-assi virtwali u l-finanzjament tat-terroriżmu.

L-Artikolu 3 jipprevedi l-konfiska estiża.

L-Artikolu 4 jipprevedi konfiska mhux ibbażata fuq kundanna.

L-Artikolu 5 jipprevedi l-konfiska minn partijiet terzi.

L-Artikolu 6 jipprevedi miżuri proviżorji u jirreferi għall-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni Omm kif applikabbli għall-Protokoll.

L-Artikolu 7 jipprevedi s-setgħat u t-tekniki investigattivi.

L-Artikolu 8 jipprevedi investigazzjonijiet finanzjarji.

L-Artikolu 9 jipprevedi l-istabbiliment ta' mekkaniżmu li jippermetti l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe persuna fiżika u ġuridika li jkollha kontijiet bankarji, ta' pagament jew ta' sigurtà kif ukoll kaxxi ta' sikurezza għad-depożiti u kontijiet tal-assi virtwali u jirregola l-aċċess għal din l-informazzjoni mill-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja u l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi u awtoritajiet kompetenti oħra.

L-Artikolu 10 jipprevedi s-sospensjoni jew ir-rifjut tal-kunsens għal tranżazzjonijiet, kontijiet u relazzjonijiet kummerċjali suspettużi (mhux parti minn din il-proposta)

L-Artikolu 11 jipprevedi l-istabbiliment ta' uffiċċji għall-irkupru tal-assi u l-kompiti tagħhom kif ukoll is-setgħat tal-uffiċċji għall-irkupru tal-assi biex jieħdu miżuri proviżorji urġenti.

L-Artikolu 12 jipprevedi l-aċċess tal-uffiċċji għall-irkupru tal-assi għall-informazzjoni.

L-Artikolu 13 jipprevedi l-prinċipji ġenerali tal-immaniġġjar tal-assi, inkluż dwar l-ippjanar tal-immaniġġjar tal-assi u l-istabbiliment ta' punti ta' kuntatt għall-kooperazzjoni internazzjonali.

L-Artikolu 14 jipprevedi d-dežinjazzjoni tal-uffiċċji għall-immaniġġjar tal-assi, il-funzjonijiet tagħhom u l-istabbiliment ta' punti ta' kuntatt għall-kooperazzjoni internazzjonali.

L-Artikolu 15 jipprevedi bejgħ ta' qabel il-konfiska u l-obbligi li jiġi żgurat il-valur tal-qligħ ta' tali bejgħ.

L-Artikolu 16 jipprevedi l-użu ta' proprjetà ffriżata, maqbuda u kkonfiskata.

L-Artikolu 17 jipprevedi l-istabbiliment ta' għodda biex tiġi pprovduta informazzjoni dwar assi ffriżati, maqbuda u kkonfiskati.

L-Artikolu 18 jistabbilixxi prinċipji u miżuri ġenerali biex tiġi żgurata kooperazzjoni internazzjonali effiċjenti u effettiva, inkluż dwar it-twettiq ta' investigazzjonijiet domestiċi qabel ir-rikonoxximent ta' ordnijiet barranin u l-kamp ta' applikazzjoni tal-awtoritajiet emittenti kompetenti.

L-Artikolu 19 jistabbilixxi regoli u kundizzjonijiet għat-trasferiment ta' data personali bejn il-Partijiet.

L-Artikolu 20 jirregola talbiet barranin għal informazzjoni dwar kontijiet miżmuma f'istituzzjonijiet finanzjarji jew forniturі ta' servizzi tal-assi virtwali.

L-Artikolu 21 jirregola talbiet barranin għal informazzjoni dwar tranżazzjonijiet imwettqa minn istituzzjonijiet finanzjarji jew forniturі ta' servizzi tal-assi virtwali.

L-Artikolu 22 jirregola talbiet barranin għall-monitoraġġ ta' tranżazzjonijiet imwettqa minn istituzzjonijiet finanzjarji u forniturі ta' servizzi tal-assi virtwali.

L-Artikolu 23 jipprevedi l-possibbiltà li żewġ Partijiet jew aktar jistabbilixxu u joperaw Skwadra ta' Investigazzjoni Konġunta għall-irkupru ta' proprjetà li tista' tiġi kkonfiskata.

L-Artikolu 24 jipprevedi l-użu ta' formoli standard biex jintalab l-iffriżar jew il-qbid ta' proprjetà li tista' tiġi kkonfiskata.

L-Artikolu 25 jipprevedi l-użu ta' formoli standard biex tintalab il-konfiska tal-proprjetà.

L-Artikolu 26 jirregola r-ritorn tal-proprjetà lill-Parti rikjedenti biex tiġi ffaċilitata r-restituzzjoni tagħha lis-sidien leġittimi preċedenti tagħha kif ukoll il-kumpens lill-vittmi tal-kriminalità.

L-Artikolu 27 jirregola l-kondiviżjoni tal-proprjetà kkonfiskata bejn il-Partijiet rikjedenti u dawk rikjesti u jipprevedi l-possibbiltà li tali proprjetà tiġi kondiviża wkoll ma' Partijiet oħra, fejn xieraq. Jirregola wkoll l-allokazzjoni tal-kostijiet tal-eżekuzzjoni ta' talbiet għal kooperazzjoni skont il-Konvenzjoni li ffaċilitat il-konfiska.

L-Artikolu 28 jipprevedi l-kooperazzjoni internazzjonali dwar is-sospensjoni jew ir-rifjut tal-kunsens għal tranżazzjonijiet, kontijiet u relazzjonijiet kummerċjali suspettużi (mhux parti minn din id-deċiżjoni)

L-Artikolu 29 jipprevedi kooperazzjoni internazzjonali bejn l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi inkluż l-istabbiliment ta' punti ta' kuntatt.

L-Artikolu 30 jipprevedi l-kooperazzjoni internazzjonali fir-rigward tal-immaniġġjar tal-proprjetà.

L-Artikolu 31 jipprevedi salvagwardji u rimedji rigward il-miżuri previsti fil-Protokoll.

L-Artikolu 32 jipprevedi n-notifika ta' deċiżjonijiet dwar miżuri proviżorji u konfiska lil persuni affettwati.

L-Artikolu 33 jipprevedi miżuri siguri għall-protezzjoni tad-data pproċessata mill-uffiċċju għall-irkupru tal-assi minn aċċess mhux awtorizzat.

L-Artikolu 34 jirrikjedi li l-Partijiet jipprovdu biżżejjed riżorsi għall-uffiċċji għall-irkupru tal-assi u għall-immaniġġjar tal-assi kif ukoll taħriġ għall-awtoritajiet kompetenti involuti fl-irkupru tal-assi u fl-investigazzjonijiet relatati.

L-Artikolu 35 jikkonċerna l-mekkaniżmu ta' monitoraġġ għall-Protokoll u l-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim.

L-Artikolu 36 jirregola r-relazzjoni tal-Protokoll mal-Konvenzjoni Omm.

L-Artikolu 37 jikkonċerna l-proċess tal-iffirmar u r-ratifika.

L-Artikolu 38 jikkonċerna d-dħul fis-seħħ tal-Protokoll.

L-Artikolu 39 jikkonċerna l-adeżjoni mal-Protokoll.

L-Artikolu 40 jistabbilixxi l-applikazzjoni territorjali.

L-Artikolu 41 jirregola d-denunzja tal-Protokoll.

L-Artikolu 42 jispjega r-relazzjoni tal-Protokoll ma' konvenzjonijiet u ftehimiet oħra.

L-Artikolu 43 jirregola t-tfassil u l-irtirar tad-dikjarazzjonijiet u r-riżervi.

L-Artikolu 44 jirregola n-notifiki li għandhom isiru mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa lill-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa kif ukoll lil Stati oħra kkonċernati fir-rigward tal-Protokoll.

L-Appendiċi jipprevedi ż-żieda taċ-ċiberkriminalità fl-appendiċi tal-Konvenzjoni.

- **L-iffirmar u t-test tal-Ftehim**

It-test tal-Ftehim huwa ppreżentat lill-Kunsill flimkien ma' din il-proposta.

F'konformità mat-Trattati, hija l-Kummissjoni li għandha tiżgura l-iffirmar tal-Ftehim, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

2026/0194 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll addizzjonali għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ħasil tal-Flus, it-Tiftix, il-Qabda u l-Konfiska ta' Profitti minn Attività Kriminali u l-Iffinanzjar tat-Terroriżmu

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fid-Deċiżjoni (UE) 2024/1764[17], il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tipparteċipa, f'isem l-Unjoni, fin-negozjati dwar Protokoll Addizzjonali ("il-Protokoll") għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ħasil tal-Flus, it-Tiftix, il-Qabda u l-Konfiska ta' Profitti minn Attività Kriminali u l-Iffinanzjar tat-Terroriżmu (CETS Nru. 198) (il-"Konvenzjoni") fil-Kunsill tal-Ewropa.

(2) Il-Protokoll ġie adottat mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa fil-15 ta' Mejju 2026 u huwa previst li jinfetaħ għall-iffirmar fl-14 ta' Ottubru 2026.

(3) Il-Protokoll huwa konformi mal-għan tal-Unjoni Ewropea kif imsemmi fl-Artikolu 26(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jiġi żgurat il-funzjonament tas-suq intern bl-adozzjoni ta' miżuri.

(4) Il-Protokoll fih, fost l-oħrajn, dispożizzjonijiet dwar l-għan u l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, dwar id-definizzjonijiet ta' assi virtwali u fornituri ta' servizzi tal-assi virtwali, dwar is-setgħat ta' sospensjoni tal-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja, dwar il-kooperazzjoni fost l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja, u dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu awtomatizzat ċentrali (jew mekkaniżmu simili) fil-livell nazzjonali, li jkun fih informazzjoni dwar kontijiet bankarji, kontijiet ta' pagament, kontijiet ta' titoli, kaxxi ta' sikurezza għad-depożiti u kontijiet ta' assi virtwali.

(5) Il-Protokoll għandu l-potenzjal li jsaħħaħ b'mod sinifikanti l-oqfsa tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-kooperazzjoni relatata fost l-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa u sħab internazzjonali ewlenin oħra li jistgħu jsiru Partijiet għalih.

(6) Ir-regoli stabbiliti fil-Protokoll jikkoinċidu fil-biċċa l-kbira, u kienu tabilħaqq ispirati minn regoli komuni li ġew stabbiliti fil-livell tal-Unjoni. Dawk ir-regoli komuni jinkludu b'mod partikolari d-Direttiva (UE) 2024/1640 tal-Parlament Ewropew u tal-

[17] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1764 tat-13 ta' Ġunju 2024 li tawtorizza lill-Kummissjoni tipparteċipa, f'isem l-Unjoni Ewropea, fin-negozjati dwar protokoll addizzjonali għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ħasil tal-Flus, it-Tiftix, il-Qabda u l-Konfiska ta' Profitti minn attività Kriminali u dwar l-Iffinanzjar tat-Terroriżmu, ĠU L, 2024/1764, 24.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1764/oj).

Kunsill, ir-Regolament (UE) 2018/1805 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva (UE) 2024/1260 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Barra minn hekk, id-Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/212/ĠAI kif ukoll id-Deċiżjonijiet Kwadru tal-Kunsill 2003/577/JHA u 2006/783/ĠAI, li, madankollu, jibqgħu applikabbli biss fir-relazzjonijiet ma' u bejn id-Danimarka u l-Irlanda. L-Unjoni tgawdi minn kompetenza esterna esklużiva għal dawk il-partijiet tal-ftehim li jistgħu jaffettwaw ir-regoli komuni tal-Unjoni jew ibiddlu l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Unjoni tiffirma l-Protokoll flimkien mal-Istati Membri.

(7) Il-Kummissjoni pparteċipat fin-negozjati f'isem l-Unjoni u, bil-parteċipazzjoni tagħha, żgurat li l-Protokoll ikun kompatibbli mad-dritt rilevanti tal-Unjoni.

(8) Skont l-Artikolu 37 tal-Protokoll, huwa miftuħ għall-iffirmar mill-Unjoni. Jenħtieġ li l-Unjoni ssir Parti għall-Protokoll flimkien mal-Istati Membri tagħha, peress li tikkondividi l-kompetenza esterna mal-Istati Membri għall-kwistjonijiet koperti mill-Protokoll. Kwistjonijiet koperti mill-Protokoll li jistgħu jaffettwaw regoli komuni jew ibiddlu l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom jaqgħu taħt il-kompetenza esterna esklużiva tal-Unjoni. Huwa mfakkar li l-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli komuni tal-UE jista' jiġi affettwat jew mibdul minn impenji internazzjonali anke meta dawk l-impenji jaqgħu f'qasam li diġà huwa fil-biċċa l-kbira kopert minn tali regoli, sa fejn tali impenji jkunu kapaċi jimminaw l-applikazzjoni uniformi u konsistenti tar-regoli tal-UE u l-funzjonament tajjeb tas-sistema li jistabbilixxu. Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-iffirmar tal-Protokoll mill-Istati Membri, f'konformità mal-proċeduri interni tagħhom.

(9) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) Nru 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[18] u ta opinjoni fi XX XXXXX 2026.

(10) Għalhekk, il-Protokoll jeħtieġ li jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, suġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data iktar tard,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ħasil tal-Flus, it-Tiftix, il-Qabda u l-Konfiska ta' Profitti minn Attività Kriminali u l-Iffinanzjar tat-Terroriżmu f'isem l-Unjoni huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni ta' dak il-Protokoll.

[18] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi […].

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President